StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża

PARVA PARVORUM PULCHRA

**Skejjel Primarji**

**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2012**

**Il-Ħames Sena** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u kwart**

**Isem u kunjom:** ______________________ **Klassi:** __________

**A. Aqta' linja taħt il-kelma t-tajba:** (10 marki)

1. Aħna ngħixu u nikbru bil-qawwa (t'Alla, tal-arja, tal-ħobż, tal-għalliema).
2. Alla nqeda b'(David, Isaija, Mosè, Eżekjel) biex jeħles il-poplu tiegħu mill-jasar tal-Eġittu.
3. Mosè kien (Eġizzjan, Lhudi, Ruman, Sammaritan).
4. Fuq il-muntanja Sinaj, Alla ta lil Mosè (tliet, seba', ħames, għaxar) kmandamenti.
5. L-akbar sultan tal-poplu t'Alla kien (Mosè, David, Sawl, Ġesse).
6. (Samwel, Sawl, Isaija, Ġesse) dilek lil David bħala s-sultan tal-poplu t'Alla.



7. David kien sultan kbir għax kien jobdi lil Alla u jħaddem tajjeb (il-ħiliet, il-ġid, l-art, il-flus) li tah.
8. David kiteb ħafna (stejjer, talb, ħrejjef, salmi).
9. (David, Mosè, Isaija, Ġesù) kien wieħed mill-profeti l-kbar.
10. (Isaija, Eżekjel, David, Mosè) jgħallimna li l-Ispirtu ta' Alla hu bħal nifs qawwi li għandu s-setgħa jagħti ħajja ġdida.



www.StudentBounty.com

**B. Agħżel il-kelma t-tajba minn ġol-kaxxa u imla l-vojt. Hemm xi kliem żejjed.** (10 marki)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| qoffa | jirgħa | sultan | Eġizzjan | xitla | qatel |
| jasar | Fargħun | Lhudi | poplu | miegħu | tinqered |



Meta twieled Mosè, il-____________ ħareġ liġi li kull tifel Lhudi li jitwieled kellu jkun maqtul. Biex issalvah, ommu qegħditu f'____________ tal-qasab. It-tifla tal-Fargħun sabitu u riedet trabbih.

Meta kiber, Mosè ra ____________ isawwat wieħed ____________. Mosè beża' u ħarab mill-Eġittu għax ____________ raġel Eġizzjan.

Darba waqt li kien ____________ n-nagħaġ, Mosè ra ____________ taqbad bla ma ____________. F'dik id-dehra, Alla kkmandah biex jeħles lill-poplu tiegħu mill-____________ tal-Eġittu. Alla qallu biex ma jibżax għax Hu kien se jkun ____________.

**Ċ. Il-Kmandamenti**

**(i) Ikteb fil-kaxxa n-numru tal-kmandament li kisru dawn it-tfal.**

| | |
|---|---|
| Alessia tgħir għall-ġugarelli ta' seħbitha. | **10** |
| Marta ħadet xi flus mill-portmoni t'ommha bla permess. | |



www.StudentBounty.com

| | |
|---|---|
| Ruben m'obdiex lill-ġenituri tiegħu. | |
| Sabrina ma marritx il-quddies il-Ħadd | |
| Alex gideb fuq il-ħabib tiegħu. | |

(4 marki)

**(ii) Ikteb il-kmandament sħiħ li jgħidlek biex tagħmel hekk.**




**Eż:** għandek tisma' l-quddies kull nhar ta' Ħadd

**<u>Ħares il-Ħdud u l-festi kmandati.</u>**

1. ikollok Alla wieħed

_______________________________________________.

2. m'għandekx tixtieq dak li mhux tiegħek.

_______________________________________________.

3. m'għandekx tidgħi.

_______________________________________________.

4. għandek tgħid il-verità.

_______________________________________________.

5. għandek tħobb u tirrispetta l-ħajja.

_______________________________________________.

(5 marki)

**D. Dawn it-tfal jixbhu lil Ġesu? Ikteb <u>Iva</u> jew <u>Le</u>.** (8 marki)

| Eż. | Anton qatt ma jitlob bil-qalb. | Le |
|---|---|---|
| 1. | Anna tħobb tgħin lil ommha. | |



www.StudentBounty.com

| | | |
|---|---|---|
| 2. | Andrè dejjem jiġġieled u jaqla' l-inkwiet. | |
| 3. | Maria tmur iżżur il-morda. | |
| 4. | Stefan jilgħab fer. | |
| 5. | Tom jitkellem pastaż. | |
| 6. | Tamara ħabiba ta' kulħadd. | |
| 7. | Karl ma jċedi qatt. | |
| 8. | Mark jaħqar l-annimali. | |



**E. Kompli din it-talba.** (6 marki)



L-Anġlu t'Alla ħabbar lil ________________

U hija saret omm mill-________________.

Hawn hi l-________________ tal-Mulej,

ikun minni skont ________________.

U l-Iben t'Alla sar ________________

u ________________ fostna.

**F. Agħmel (✓) fil-kaxxa bit-tweġiba t-tajba.** (7 marki)

1. Fejn kien joqgħod David meta kien għadu żgħir?

| | |
|---|---|
| Betlehem | |
| Ġerusalem | |



www.StudentBounty.com

| | |
|---|---|
| il-Palestina | |
| il-Ġordan | |



2. X'kien jismu missier David?

| | |
|---|---|
| Ġakbu | |
| Ġuda | |
| Ġeremija | |
| Ġesse | |

3. X'kien jagħmel David biex jgħin lil missieru?

| | |
|---|---|
| idoqq l-arpa | |
| jilgħab bl-iżbandola | |
| jirgħa n-nagħaġ | |
| joqtol l-iġganti | |



4. Sawl, għaliex ried joqtol lil David?

| | |
|---|---|
| għax iġġieldu | |
| ried juri li hu aqwa | |
| għax għir għalih | |
| għax David serqu | |



www.StudentBounty.com

5.David qatel lill-ġgant Gulija. Kif qatlu?

| | |
|---|---|
| tah jixrob il-valenu | |
| spara vleġġa | |
| b'daqqa ta' lanza | |
| tefagħlu ċagħka bl-iżbandola | |

6. X'għamel Alla biex jgħin lil David?

| | |
|---|---|
| tah familja kbira | |
| tah l-Ispirtu s-Santu biex jibqa' miegħu | |
| tah ħafna ġid | |
| qallu biex jibnilu tempju | |



7. X'wiegħed Alla lil David?

| | |
|---|---|
| li se jirbaħ il-gwerra | |
| li se jsir famuż mad-dinja kollha | |
| li se jibqa' jgħix għal dejjem | |
| li min-nisel tiegħu se jitwieled dak li jeħlisna mill-ħażen. | |



www.StudentBounty.com

**Ġ. Bħal David aħna wkoll għandna nfaħħru lil Alla.**

**Ikteb talba biex tirringrazzja lil Alla tal-affarijiet sbieħ li tak.**



(5 marki)

**G. Meta Alla ra li l-poplu ma baqax miexi fit-triq it-tajba, Huwa bagħat lill-profeti.**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba it-tajba.** (10 marki)

**Jista' jkun hemm aktar minn tweġiba waħda tajba.**

1. Insibu l-ħajja tal-profeti (fit-Testment il-Ġdid, fit-Testment il-Qadim, fil-Vanġelu,fl-Atti tal-Appostli).



www.StudentBounty.com

2. Fi żmien Isaija, in-nies sinjuri kienu (jisirqu, jaħarqu, jaħqru, joqtlu) lil fqar.



3. Isaija ra dehra ta' Alla (tiela' s-sema, bilqiegħda fuq tron, imdawwar bl-anġli, imsallab fuq salib).

4. Meta ra dik id-dehra Isaija (beda jfaħħar 'l Alla, niżel għarkobbtejh, beża' ħafna, beda jkanta s-salmi).

5. Imbagħad wieħed mill-anġli qabad (ġamra min-nar, fjura, rixa, idejh) u messha ma' xofftejn Isaija.

6. Isaija qabbel lill-poplu Lhudi ma' għalqa dwieli b'għeneb qares għax (ma kinux bdiewa tajba, l-għemil tagħhom ma kienx jogħġob lil Alla, ma ħadux ħsieb id-dwieli, kiber ħafna ħaxix ħażin).

7. Fuq Ġesù, Isaija ħabbar li kellu (jġib il-paċi, jitwieled f'għar ġewwa Betlehem, jmut imsallab fuq salib, jkun mimli bl-Ispirtu s-Santu).

**GĦ. Qabbel kolonna A ma' kolonna B.** (7 marki)

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 0 | Talba ta' tifħir lil Madonna. | | fil-Magħmudija |
| 1 | Innijiet miktuba f'għamla ta' poeżija. | | l-Ispirtu s-Santu |
| 2 | Irċevejna l-ewwel darba l-Ispirtu s-Santu. | | profeti |
| 3 | Il-kuġina tal-Madonna. | | Ottubru |
| 4 | Ix-xahar tar-Rużarju. | | Salmi |
| 5 | Nies magħżula minn Alla biex iwasslu l-kelma tiegħu | 0 | Sliema |





www.StudentBounty.com

| | | | |
|---|---|---|---|
| **6** | Jgħina nikbru fit-triq it-tajba. | | Eliżabetta. |
| **7** | Ġesù tahulna biex aħna wkoll nikbru u ngħixu bħalu. | | it-talb |



**H. Wieġeb fil-qasir biex turi kemm taf dwar il-Madonna.**

| | | |
|---|---|---|
| **1** | Fejn kienet tmur titlob kull nhar ta' Sibt. | |
| **2** | L-għarus ta' Marija. | |
| **3** | L-anġlu li ħabbrilha li kellha tkun omm Alla. | |
| **4** | Il-belt li kienet toqgħod fiha meta dehrilha l-anġlu. | |
| **5** | Il-festa ta' Marija ħielsa minn kull dnub. | |

(5 marki)

**Ħ. Min qal dan il-kliem:** (5 marki)

| | | |
|---|---|---|
| 1 | "Araw għad jiġi żmien meta xebba jkollha iben u ssemmih Għimmanu-el, jiġifieri Alla magħna." | |
| 2 | "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek ..." | |
| 3 | "Jien il-qaddejja tal-Mulej. Isir minni skont kelmtek." | |
| 4 | "Imbierka inti fost in-nisa u imbierek il-frott tal-ġuf tiegħek." | |
| 5 | "Kif ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil | |



www.StudentBounty.com

| | | |
|---|---|---|
| | xulxin." | |



**I. Kompli dawn is-sentenzi.** (8 marki)

1. L-akbar ġrajja li Alla għamel mal-poplu tiegħu fit-Testment il-Qadim hija

_______________________________________________.

2. Mal-poplu tiegħu fuq is-Sinaj, Alla għamel ________________________

_______________________________________________.

3. Id-dnub ifixkilna milli nikbru għax ______________________________

_______________________________________________.

4. Biex nikbru u ngħixu bħal Ġesù għandna _________________________

_______________________________________________.

**J. Ikteb paragrafu ta' mhux anqas minn 5 sentenzi biex tirrakkonta l-istorja tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________



www.StudentBounty.com

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________.

(10 marki)





www.StudentBounty.com